MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tal-1 ta' Marzu, 2019

Rikors Maħluf Numru 54/2018 LM

**Doris Zammit Azzopardi (ID Numru 29176M)**

***vs.***

**Maria Stella Runza (ID Numru 587740M), u b'digriet tal-21 ta' Marzu, 2018 is-soċjetà Mapfre Middlesea plc ġiet awtorizzata tintervjeni fil-kawża *in statu et terminis***

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf ippreżentat fit-18 ta' Jannar, 2018 mill-attriċi **Doris Zammit Azzopardi** (ID 29176M) (minn issa 'l quddiem "l-attriċi"), u maħluf minnha stess li jgħid kif ġej:

1. *Illi f'inċident li seħħ fl-14 ta' Diċembru, 2010 fuq is-Saqqajja, ir-Rabat, Malta, l-esponenti attriċi sfat imtajra minn vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni FBV 165 misjuqa mill-konvenuta Maria Stella Runza;*

2. *Illi dan l-inċident seħħ unikament tort tal-istess konvenuta minħabba imprudenza, negliġenza, traskuraġni, imperizja u non-osservanza tal-liġijiet u regolamenti viġenti;*

3. *Illi konsegwenza ta' dan l-inċident l-esponenti attriċi qed issofri debilità u diżabilità permanenti u sofriet danni konsegwenzjali;*

4. *Illi permezz ta' rapport mediku maħruġ mill-konsulent Mr. Massimo Abela MD MSc FRCSEd FRCS (Glasg) (Tr & Orth) datat 7 ta' Mejju 2013 ġie ċertifikat illi konsegwenza tal-inċident, l-attriċi qed tbati minn diżabilità permanenti ta' tnejn fil-mija (2%);*

5. *Illi għalkemm il-konvenuta ġiet debitament interpellata permezz ta' ittri uffiċjali datati 12 ta' Ġunju, 2012, 11 ta' Frar, 2014 u 18 ta' Jannar, 2016, hija baqgħet inadempjenti.*

*Għaldaqstant l-attriċi titlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex jogħġobha:-*

1. *Tiddikjara illi l-inċident li seħħ fl-14 ta' Diċembru, 2010 fuq is-Saqqajja, ir-Rabat, Malta li fih l-attriċi sfat imtajra minn vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni FBV 165 misjuqa mill-konvenuta Maria Stella Runza seħħ unikament tort tal-istess konvenuta minħabba imprudenza, negliġenza, traskuraġni, imperizja u non-osservanza tal-liġijiet u regolamenti viġenti, u konsegwenza ta' liema inċident l-attriċi qed issofri debilità u diżabilità permanenti u sofriet danni konsegwenzjali;*

2. *Tillikwida d-danni hekk sofferti mill-attriċi okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi;*

3. *Tikkundanna lill-konvenuta tħallas is-somma hekk likwidata.*

*Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-ittra uffiċjali datati 12 ta' Ġunju, 2012, 11 ta' Frar, 2014 u 18 ta' Jannar, 2016 u bl-imgħax skont il-liġi kontra l-konvenuta inġunta in subizzjoni.*

Il-konvenuta **Maria Stella Runza** għad illi kienet debitament notifikata bir-Rikors Maħluf, ma ppreżentat l-ebda risposta maħlufa entro t-terminu mogħti lilha u għalhekk għandha titqies li hija kontumaċi għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi.

Rat ir-Rikors tas-soċjetà Mapfre Middlesea plc (minn issa 'l quddiem "is-soċjetà assiguratriċi"), li ġiet ippreżentata fl-14 ta' Marzu, 2018, li bih esponiet:

1. *Illi s-soċjetà assiguratriċi esponenti hija s-soċjetà assiguratriċi tal-vettura li kienet involuta fl-inċident awtomobilistiku mertu tal-kawża odjerna, ossia l-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni FBV 165 misjuqa mill-konvenuta Maria Stella Runza;*

2. *Illi s-soċjetà assiguratriċi esponenti saret taf illi ġiet intavolata l-kawża odjerna;*

3. *Illi s-soċjetà assiguratriċi esponenti għandha interess illi tintervjeni fil-kawża odjerna sabiex tissalvagwardja l-interessi tagħha stante illi l-istess soċjetà assiguratriċi esponenti tista' tiġi kostretta tagħmel tajjeb għad-danni konsegwenti mill-inċident in kwistjoni u dan skont il-provvedimenti tal-Ordinanza dwar l-Assigurazzjoni ta' Vetturi tal-Mutur għar-Riskji ta' Terza Persuna (Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta);*

4. *Illi s-soċjetà assiguratriċi esponenti tissottometti umilment illi l-interess tagħha fil-kapaċità tagħha ta' soċjetà assiguratriċi tal-vettura involuta fl-inċident awtomobilistiku in kwistjoni tissodisfa l-kriterji rikjesti mil-liġi sabiex tkun ammessa fil-proċeduri odjerni;*

*Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi, is-soċjetà assiguratriċi esponenti titlob umilment lil dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha tawtorizzaha tintervjeni in statu et terminis a tenur tal-artikolu 960 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta) u tawtorizzaha tippreżenta r-risposta tagħha bil-miktub, u dan taħt kull provvediment ieħor xieraq u opportun.*

Rat id-digriet tagħha tal-21 ta' Marzu, 2018 is-soċjetà Mapfre Middlesea plc ġiet awtorizzata tintervjeni fil-kawża *in statu et terminis*.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-partijiet.

Semgħet it-trattazzjoni li saret waqt l-udjenza tat-28 ta' Jannar, 2019.

Rat il-verbal tal-udjenza tat-28 ta' Jannar, 2019, fejn il-konvenuta kontumaċi Maria Stella Runza ngħatat il-fakultà li tippreżentaw nota ta' sottomissjonijiet ai termini tal-artikolu 158(10) tal-Kap. 12 u fejn il-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

## Il-kwistjoni bejn il-partijiet

L-attriċi kienet sfat imtajra mill-vettura li kienet qiegħda tinstaq mill-konvenuta fis-Saqqajja, ir-Rabat, Malta, fl-14 ta' Diċembru, 2010, waqt li l-attriċi kienet qiegħda taqsam it-triq. L-attriċi qiegħda titlob li l-Qorti tiddikjara lill-konvenuta Maria Stella Runza kienet responsabbi għall-inċident mertu tal-kawża, qiegħda titlob ukoll il-likwidazzjoni tad-danni u l-ħlas mill-konvenuta tad-danni sofferti mill-attriċi, li konsegwenza ta' dan l-inċident spiċċat issofri minn debilità permanenti.

## Provi u riżultanzi

Flimkien mar-Rikors Maħluf tagħha l-attriċi esebiet kopja ta' rapport mediku mħejji mill-konsulent ortopediku *ex-parte* **Mr Massimo Abela**[1], li kien eżamina lill-attriċi wara l-inċident li fih sfat imtajra mill-vettura misjuqa mill-konvenuta fl-14 ta' Diċembru, 2010. L-espert mediku kkonstata li l-attriċi kellha bżonn

[1] *A fol.* 3 tal-proċess.

tagħmel diversi interventi kirurġiċi kemm sabiex jitfejjaq il-ksur li sofriet, kif ukoll sabiex jitneħħa l-metall li kellha f'saqajha. In vista tal-fatt li l-attriċi baqgħet issofri minn uġigħ u minn nefħa f'saqajha, u tesperjenza diffikultajiet biex tkun tista' timxi fit-tul, l-espert mediku *ex-parte* Mr Massimo Abela kkonstata li l-attriċi sofriet minn debilità permanenti ta' 2%.

L-attriċi esebiet ukoll kopja tas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Ġudikatura Kriminali) fis-16 ta' April, 2015 fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Robert Vella) *vs.* Maria Stella Runza**[2], fejn il-Qorti tal-Maġistrati kkonkludiet, mill-provi miġjuba quddiemha illi:

> "… dan kien incident sfortunat li seħħ minħabba mument żgħir, frazzjoni ta' sekondi, ta' nuqqas ta' attenzjoni min-naħa tal-imputata. Kien hemm, min-naħa tal-imputata, anki jekk għal frazzjoni ta' sekondi, nuqqas ta' *proper lookout* u bħala konsegwenza seħħ l-inċident mertu ta' din il-kawża."

L-attriċi fl-*affidavit*[3] tagħha qalet illi fiż-żmien li fih seħħ l-inċident, hi kellha 35 sena u kienet impjegata fil-grad ta' skrivana f'dipartiment tal-Gvern. Hi qalet li dakinhar li seħħ l-inċident, hi kienet sejra qadja fid-dipartiment fejn kienet taħdem dak iż-żmien, sabiex tinforma lis-superjuri tagħha li kien fi ħsiebha tirritorna lura għax-xogħol wara xi żmien ta' waqfien minħabba li kellha tarbija. Spjegat kif konsegwenza ta' dan l-inċident hi ma setgħetx tirritorna lura x-xogħol fil-bidu ta' Jannar 2011, kif kellha l-ħsieb li tagħmel, u wara li seħħ l-inċident hija kellha tmur tgħix għand ommha għal perijodu ta' żmien. Qalet ukoll li minkejja l-interventi li saru fuqha, hi għadha tbati biex tagħmel ċerti attivitajiet. L-attriċi esebiet ukoll għadd ta' irċevuti[4] b'rabta mat-talba tagħha għall-ħlas lilha ta' danni materjali konsegwenza tal-inċident.

[2] *A fol.* 7 tal-proċess.
[3] *A fol.* 24 tal-proċess.
[4] *A fol.* 31 sa 35 tal-proċess.

Permezz ta' nota tas-6 ta' Lulju, 2018, l-attriċi esebiet kopja tal-proċess tal-appell fl-ismijiet **Il-Pulizija *vs.* Maria Stella Runza**[5], fejn hemm esebiti numru ta' immaġni weqfin (*stills),* li juru x'ġara eżattament fil-mumenti ta' qabel seħħ l-inċident, u fil-mumenti ta' wara. Ma' dawn l-atti ġiet esebita x-xhieda li kienet tat l-attriċi fil-proċeduri kriminali li ttieħdu kontra l-konvenuta, fejn l-attriċi ddeskriviet id-dinamika tal-inċident:

> "Jiena kont sejra għal tal-linja, qiegħda ngħidilhom 'bye', indawwar wiċċi u nara flash griża u nisma' lill-mummy tgħajjat. ... Imbagħad wara ftit ħin insib ruħi fl-art ...".

Fix-xhieda li tat fil-proċeduri kriminali, l-attriċi qalet li hi ma kinitx rat il-vettura tal-konvenuta ġejja fuqha, u li kulma rat kienet leħħa dawl, u wara ftit mumenti, sfat imtajra.

Il-konvenuta li wkoll xehdet fil-proċeduri kriminali, min-naħa tagħha qalet li ma kinitx rat lill-attriċi qabel tajritha. Qalet ukoll li ftit bogħod minn fejn seħħ l-inċident hemm *zebra crossing* u *lights,* iżda jirriżulta l-attriċi ma qasmitx minn fuqhom.

L-attriċi ppreżentat kopji ta' tliet ittri uffiċjali mibgħuta minnha lill-konvenuta[6], li permezz tagħhom interpellatha għall-ħlas tad-danni kkawżati minnha, kopja tar-rapport mediku mħejji mill-konsulent mediku Massimo Abela wara li eżamina lill-attriċi[7], kif ukoll irċevuta tal-Isptar Saint James Hospital tat-2 ta' Novembru, 2018 wara vista mill-konsulent Massimo Abela.[8]

---

[5] *A fol.* 41 *et seq.* tal-proċess.
[6] *A fol.* 310, 313 u 317 tal-proċess.
[7] *A fol.* 319 tal-proċess.
[8] *A fol.* 323 tal-proċess.

Fl-udjenza tal-15 ta' Novembru, 2018 xehdet **Joyce Agius**, Deputat Reġistratur fil-Qorti Kriminali li ippreżentat kopja tal-inkartament tal-Appell Kriminali bin-numru 183/2015 fl-ismijiet **Il-Pulizija *vs.* Maria Stella Runza**.[9] Minn dawn il-proċeduri, għad m'hemmx sentenza definittiva.

Fl-istess udjenza xehed **Lawrence Cachia**, in rappreżentanza tal-Ministeru għall-Infrastruttura, Trasport u Proġetti Kapitali, li miegħu hi impjegata l-attriċi, li esebixxa kopja ta' dokumenti mill-*file* tax-xogħol tal-attriċi[10] u esebixxa kopji ta' ittri mibgħuta minnha lill-post tax-xogħol tagħha, liema ittri jindikaw f'liema perijodi l-attriċi ma setgħetx tirrapporta għax-xogħol minħabba raġunijiet mediċi.[11]

L-intervenuta fil-kawża Mapfre Middlesea plc esebiet tliet ritratti meħudin mill-ajru li jindikaw iż-żona preċiża fejn seħħ l-inċident inkwistjoni.[12]

**<u>Konsiderazzjonijiet legali</u>**

Il-Qorti kkonsidrat id-dinamika tal-inċident skont l-istess provi li ġew prodotti fil-proċeduri kriminali li ttieħdu fil-konfront tal-konvenuta wara li seħħ l-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri, u minkejja li l-grad ta' prova fil-proċeduri ċivili huwa anqas oneruż milli fil-proċeduri kriminali, il-provi prodotti fiż-żewġ istanzi huma identiċi. Jirriżulta, anki mill-*istills* esebiti fil-proċeduri kriminali, illi l-attriċi kienet diġà bdiet taqsam it-triq meta sfat imtajra mill-konvenuta. L-attriċi u l-konvenuta, li kienet qiegħda ssuq il-vettura li tajret lill-attriċi, it-tnejn

[9] *A fol.* 326 *et seq.* tal-proċess.
[10] *A fol.* 589 *et seq.* tal-proċess.
[11] *A fol.* 593 *et seq.* tal-proċess.
[12] *A fol.* 599 *et seq.* tal-proċess.

xehdu li ma rawx lil xulxin - l-attriċi xehdet li ma ratx il-vettura tal-konvenuta fit-triq qabel din laqtitha, u l-konvenuta min-naħa tagħha xehdet li kważi kienet l-attriċi li marret għal fuqha, tant li hi ma rathiex fil-mumenti qabel tajritha. Jirriżulta wkoll li ftit bogħod minn fejn seħħ l-inċident hemm *zebra crossing* u *lights,* u li l-attriċi ma kinitx qasmet minn fuqhom, għalkemm il-konvenuta qalet li hi kienet ben konsapevoli taz-*zebra crossing* u *lights,* u kien minħabba fihom li kienet naqqset il-veloċità tal-vettura tagħha.

Quddiem dawn il-provi, partikolarment il-provi oġġettivi konsistenti f'immaġni fissi tat-triq fil-mumenti kemm ta' qabel seħħ l-inċident, minn fejn jirriżulta bl-aktar mod ċar li fil-ħin li fih l-attriċi qasmet it-triq, din kienet vojta, u kien għalhekk li hija bdiet taqsam it-triq fid-direzzjoni lejn il-karozzi tal-linja. Jirriżulta ukoll li l-konvenuta ma kellha xejn x'ixekklilha l-vista meta effettivament tajret lill-attriċi. Jirriżulta għalhekk li meta seħħ dan l-inċident, il-konvenuta kienet negliġenti, tant li naqset milli teżerċita il-*proper lookout* li kull sewwieq hu mistenni jeżerċita waqt li jkun qiegħed isuq fit-triq.

L-obbligu li sewwieq iżomm *proper lookout* ingħata tifsira f'diversi sentenzi tal-Qrati tagħna. Hekk pereżempju f'deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali, fl-ismijiet **Pulizija *vs.* J.M. Laferla**[13], 1961, il-Qorti qalet li:

> "min ma jarax dak li raġonevolment għandu jara, ifisser li ma kienx qed iżomm *'a proper lookout'*."

[13] 17.06.1961.

F'deċiżjoni mogħtija minn Qorti barranija, spiss iċċitata mill-Qrati lokali hija dik fl-ismijiet **Neuhaus *vs.* Bastion Insurance Co. Ltd.**[14] fejn l-obbligu li jinżamm *'a proper lookout'* ġie mfisser bħala:

> "*Keeping a proper lookout means more than looking straight ahead. It includes awareness of what is happening in one's immediate vicinity. A motorist shall have a view of the whole road, from side to side, and in the case of a road passing through a built-up area, of the pavements on the side of the road as well.*"

F'deċiżjoni oħra tal-Qrati tagħna fl-ismijiet **Pulizija *vs.* Anthony Spiteri**, mogħtija fil-21 ta' Mejju, 1960, il-Qorti qalet:

> "Driver ta' karozza għandu innegabbilment, fost oħrajn, żewġ doveri: wieħed, dak li jżomm *a proper lookout* għall-vejikoli, *pedestrians*, u *road-users* oħra; l-ieħor, dak illi waqt is-sewqan hu jkun f'pożizzjoni tali li jkollu f'kull ħin kontroll sewwa tal-vejikolu. Il-Qorti osservat "ma għandux jintesa illi l-aċċidenti stradali huma ta' spiss kwistjoni ta' disattenzjoni ta' *split second* u l-kontinġenzi tat-traffiku jistgħu jkunu subitanei u inaspettati. Dan hu ċertament sewqan negliġenti; u ma jistax biex jeskludih il-fatt illi t-triq kienet wiesgħa u illi traffiku ieħor ma kienx hemm fit-triq, u ċ-ċirkostanzi l-oħra tal-mument ... għal sewqan negliġenti ma hemmx bżonn tal-vjolazzjoni ta' normi ġuridiċi speċifiċi, imma biżżejjed li jkun hemm negliġenza, fis-sens *ta' nuqqas ta'* 'prudenza ordinarja' li wieħed għandu jadopera biex jevita s-sinistri stradali."

F'sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet **Joseph Zammit *vs.* Joseph Bonello et**[15], il-Qorti għamlet riferiment għal diversi insenjamenti ġurisprudenzjali, sabiex stabbiliet li kien hemm nuqqas ta' prudenza fis-sewqan li għandu jwieġeb għalih is-sewwieq:

> "Illi fir-rigward ta' *proper lookout* dan il-kunċett ifisser ferm aktar milli sewwieq ikun qed iħares 'il quddiem jew li jkollu viżwali ċara, iżda s-sewwieq irid ikollu '*an*

[14] 1968, (1) SA 398 (A) 405H - 406A).
[15] 01.03.2001

> *awareness of his immediate vicinity'* u ċioé li s-sewwieq irid ikun jaf x'qed jiġri madwaru u mhux sempliċiment iħares 'il quddiem b'mod ċass jew isuq bil-mod (Ara wkoll **P. Spiteri vs R. Caruana** App 5/10/98; **Maria Vella Galea vs Oresta Sammut** App. 5/10/98; **Dr Remigio Zammit Pace vs C. Grima,** App. Inf. 16/05/97; **A. Gatt vs M. Shephard,** App. Inf. 07/05/98). Għalhekk kull sewwieq irid jirregola s-sewqan tiegħu skont il-kundizzjonijiet u ċirkostanzi li jkun fihom, bħal ma huma l-ħin tal-ġurnata, il-viżwali ostakolata bid-dlam u bix-xita, l-istat tal-art, il-volum tat-traffiku u rapport oħra kontinġenti (Ara. Vol. XLVI pi p 112). Fin-nuqqas, ikollu jwieġeb għall-imprudenza tiegħu meta jseħħ l-inċident stradali."

Huwa ċar li l-konvenuta naqset milli tosserva regola importanti fis-sewqan, dik li jkollha għarfien tajjeb ħafna ta' x'inhu jiġri fl-inħawi immedjati tagħha, tant li fil-mumenti wara li seħħ l-impatt, hi nħasdet u ġibdet mal-ġenb sabiex tara x'kien ġara, u kien biss wara li ħarġet mill-vettura li rat lill-attriċi mal-art.[16] Id-deskrizzjoni mogħtija mill-konvenuta tal-mod kif seħħ l-inċident, hi indikattiva ħafna tal-fatt li kien nieqes għalkollox ir-rekwiżit li jinżamm *proper lookout* għall-eventi stradali li jistgħu jiġru waqt li wieħed ikun qiegħed isuq fit-triq.

Hekk stabbilita l-kwistjoni dwar min għandu jġorr responsabbilità għal dan l-inċident, iridu għalhekk jiġu likwidati d-danni sofferti mill-attriċi.

*Damnum emergens:*

Mill-provi jirriżulta mill-kopji tal-irċevuti esebiti li l-attriċi sofriet danni materjali/*damnum emergens* fis-somma ta' €564.83.[17]

[16] Xhieda tal-konvenuta Maria Stella Runza tat-23 ta' April, 2014, fil-proċeduri fil-Qorti tal-Maġistrati (Ġudikatura Kriminali) fl-ismijiet **Il-Pulizija *vs.* Maria Stella Runza.**

[17] €81 irċevuta Saint James Hospital (*fol.* 323), €60 + €60 + €40 + €200 irċevuti (*a fol.* 31), €54 Sanagens (*fol.* 32), €21.38 Betaserc (*fol.* 33), €25 kiri ta' *wheelchair* mingħand Michele Peresso Ltd (*fol.* 34) u €23.45 Defiant Commercial Limited (*fol.* 35).

*Lucrum cessans:*

Hemm imbagħad it-telf ta' qligħ futur/*lucrum cessans* konsegwenza tad-debilità permanenti sofferta mill-attur.

L-artikolu 1045 (1) tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi illi:

> "Il-ħsara li persuna responsabbli għandha twieġeb għaliha, skont id-dispożizzjonijiet ta' qabel, hija t-telf effettiv li l-għamil tagħha jkun ġab direttament lill-parti li tbati l-ħsara, l-ispejjeż li din il-parti setgħet kellha tagħmel minħabba l-ħsara, it-telf tal-paga jew qligħ ieħor attwali, u t-telf ta' qligħ li tbati 'l quddiem minħabba inkapaċità għal dejjem, total jew parzjali, li dak l-għamil seta' jġib."

F'sentenza fl-ismijiet **Emmeline Cini *vs.* Antione Cachia**[18], il-Qorti qalet:

> "Għalhekk il-Qorti għandha l-obbligu li teżamina t-telf ta' qligħ futur minħabba l-inkapaċità, it-telf ta' paga jew qligħ ieħor attwali li jinkorri fih id-danneġġjat; u dak it-telf ta' qligħ futur, ossia *lucrum cessans*, li d-danneġġjat ikun prekluż li jużufruwixxi minnu minħabba l-event sinistru kawża tal-għemil dirett tad-danneġġjant."

Fis-sistema legali tagħna l-kwantifikazzjoni tad-danni hija dejjem fid-diskrezzjoni tal-ġudikant, u għalkemm hi regolata minn ċerti prinċipji, dawn mhumiex assoluti. F'deċiżjoni fl-ismijiet **Paul Debono *vs.* Malta Drydocks**[19], ġie stabbilit illi:

> "Id-determinazzjoni tal-kwantum tar-riżarċiment hi ċertament fis-sistema legali tagħna ispirata mir-regola stabbilita fl-artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili. Fir-rigward tal-*lucrum cessans* dan jinvolvi telf ta' qliegħ futur minħabba l-inkapaċità. Il-liġi imbagħad tħalli fid-diskrezzjoni tal-Qorti biex, valjati ċ-ċirkostanzi tal-każ, ix-xorta u grad ta' inkapaċità, u l-kondizzjoni tal-parti danneġġjata tistabbilixxi s-somma riżarċitorja. Innegabilment, però, il-metodu ta' din il-valutazzjoni tad-dannu lill-

[18] P.A., 18.02.2013.
[19] P.A., 27.04.2005.

> persuna minn dejjem ikkostitwiet il-problema l-aktar spinuża, kif hekk jirriżulta minn sempliċi raffront tad-diversi deċiżjonijiet in materja."

Il-*multiplier* huwa fattur pjuttost diskrezzjonali, għalkemm bħala regola huwa ġeneralment aċċettat li għal persuna fl-età ta' ħamsa u tletin (35) sena, li hi l-età li kellha l-attriċi fiż-żmien li fih seħħ l-inċident, il-*multiplier* adottat għandu jkun ta' 25. F'sentenza fl-ismijiet **John u Laura konjugi Ransley *vs.* Edward u Lydia konjugi Restall**[20], il-Qorti qalet:

> "Hawnhekk għandna fattur pjuttost diskrezzjonali. Il-metodu ta' likwidazzjoni tad-danni kien għal żmien twil ibbażat fuq il-prinċipji enunċjati fil-kawża **Butler vs Heard** deċiża mill-Qorti tal-Appell Ċivili Superjuri fit-22 ta' Settembru, 1967. F'dik il-kawża intqal li fid-determinazzjoni tal-*multiplier* wieħed irid jieħu in kunsiderazzjoni ċ-*'chances and changes of life'*, b'mod li dan il-*multiplier* ma jwassalx lid-danneġġjat li jieħu kumpens daqs li kieku baqa' jaħdem sad-data li jirtira, iżda l-figura tiġi mnaqqsa biex b'hekk ikun ittieħed kunsiderazzjoni l-fatt li l-persuna danneġġjata setgħet, fil-kors normali tal-ħajja tagħha, ma waslitx qawwija u sħiħa sal-età tal-pensjoni.
>
> ...
>
> Hawn għalhekk naraw element diskrezzjonali li qed jingħata lill-ġudikant. Il-liġi ma tridx li l-kumpens ikun biss riżultat ta' eżerċizzju matematiku – għalkemm tali eżerċizzju jkun wieħed siewi u jwassal għal ċerta uniformità fil-likwidazzjoni tad-danni kif effettivament ġara wara s-sentenza ta' **Butler vs Heard**, b'danakollu l-ġudikant għandu jżomm quddiem għajnejh aspett aktar wiesa' tal-problema u fl-ammont li finalment jakkorda bħala danni għat-telf futur – dawk li fil-gergo huma magħrufa bħala *'lucrum cessans'* jipprova jimprimi sens ta' ġustizzja billi mhux biss iħares lejn l-interessi tad-danneġġjat iżda billi wkoll jittieħed in konsiderazzjoni dak li kkawża d-dannu."

Il-Qorti tqis li *multiplier* ta' 25 huwa wieħed ġust meta wieħed iqis il-*working life expectancy* tal-attriċi, u tenut kont ukoll il-fatt li persuna fl-età tagħha hi mistennija li taħdem almenu sal-età ta' 65 sena sabiex tilħaq l-età tal-irtirar.

---

[20] P.A., 10.05.2005.

Fil-każ odjern, ġie stabbilit mill-espert mediku ex-parte Mr Massimo Abela li eżamina lill-attriċi, li konsegwenza ta' dan l-inċident, din baqgħet issofri minn debilità permanenti ta' 2%.

Il-Qorti ser tieħu bħala qligħ annwali li kienet tipperċepixxi l-attriċi, is-salarju bażiku tagħha għas-sena 2011, u dan in vista tal-fatt li meta seħħ dan l-inċident lejn l-aħħar tas-sena 2010, l-attriċi kienet qiegħda bil-*leave* tal-maternità, kif ukoll għamlet perijodu ta' *unpaid leave* u għalhekk id-dħul tagħha għas-sena 2010 ma jirriflettix is-salarju li fuqu jrid jinħadem it-telf ta' qligħ futur soffert mill-attriċi minħabba fid-debilità permanenti sofferta minnha. Fis-sena 2011 id-dħul annwali li kienet intitolata għalih l-attriċi fil-grad li hi kellha kien ta' €14,093.98, għalkemm hi kienet talbet li taħdem ammont ta' sigħat ridotti, 30 siegħa fil-ġimgħa, sabiex b'hekk id-dħul annwu *pro rata* tagħha kellu jkun ta' €10,570.48, (gross) u €9,513.44 (nett).

Din il-paga trid tiġi aġġustata u togħla abbażi tal-għoli tal-ħajja[21] għall-perijodu kollu tal-*multiplier*, sabiex b'hekk is-salarju bażiku li ser tkun qiegħda taħdem fuqu l-Qorti huwa ta' €9,513.44 + €11,796.67[22] / 2 = €10,655.05. Huwa dan l-ammont ta' salarju bażiku li l-Qorti ser tieħu għall-fini tal-komputazzjoni li trid tagħmel.

L-evoluzzjoni ġuriprudenzjali f'kawżi ta' din ix-xorta wassal għal żvilupp ieħor importanti, dak li jsir tnaqqis ta' 20% minħabba li l-ħlas tal-kumpens qiegħed

[21] F'sentenza mogħtija minn din il-Qorti kif diversament preseduta fid-19.05.2000 fl-ismijiet **Joseph Galea *vs.* Charles Fenech pro et noe,** il-Qorti stabbiliet illi, "Meta d-danni jirrappreżentaw kumpens għal telf futur, il-Qorti trid tieħu in konsiderazzjoni l-effetti li l-inflazzjoni jkollha fuq l-introjtu perċepit fid-data tal-inċident proġettat fuq firxa ta' snin magħżula bħala l-*multiplier*." Bħala rata ta' inflazzjoni annwali qed tittieħed ir-rata ta' 0.96%, ir-rata medja tal-inflazzjoni f'dawn l-aħħar 5 snin skont l-NSO {1.38% (2013) + 0.31% (2014) + 1.10% (2015) + 0.64% (2016) + 1.37% (2017) / 5 = 0.96%}.

[22] Bħala rata ta' inflazzjoni annwali qed tittieħed ir-rata ta' 0.96%, ir-rata medja tal-inflazzjoni f'dawn l-aħħar 5 snin skont l-NSO {1.38% (2013) + 0.31% (2014) + 1.10% (2015) + 0.64% (2016) + 1.37% (2017) / 5 = 0.96%}.

isir f'darba *(lump sum payment)*. Spiss kien jiġri li f'kawżi li kienu jdumu s-snin biex jinqatgħu, il-Qorti kienet tnaqqas 2% għal kull sena li kawża ddum biex tinqata' f'każijiet fejn ikunu għaddew aktar minn tliet snin bejn id-data meta tiġi pprezentata ċ-ċitazzjoni u s-sentenza. Madanakollu f'dan il-każ il-Qorti ma tarax li hemm lok għal tali tnaqqis. Din il-kawża ġiet imressqa fis-sena 2018, u ser tingħata deċiżjoni anqas minn sena wara li nfetħet il-kawża għad-danni, u għalhekk ċertament li ma jistax jintqal li kien hemm xi delungar da parti ta' xi ħadd jew ieħor mill-partijiet.

Bħala perċentwal ta' diżabilità, il-Qorti sejra tadotta l-grad ta' debilità permanenti ta' tnejn fil-mija (2%) kif ikkonstatat mill-espert mediku *ex-part*e.

Is-salarju medju ta' €10,655.05 x *multiplier* ta' 25, x 2% diżabilità permanenti sofferta mill-attriċi, iwasslu għal ċifra ta' €5,327.52, li meta tiġi ridotta b'20% *(lump sum payment),* twassal għas-somma ta' **€4,262.02.**

Minbarra t-telf ta' qligħ futur, l-attriċi tilfet ukoll madwar erba' xhur paga, u dan stante li minkejja li l-ħsieb tagħha kien li wara l-*leave* tal-maternità tidħol lura xogħol fil-bidu tas-sena 2011 fejn kienet talbet li taħdem għoxrin (20) siegħa fil-ġimgħa, hi kellha titlob *leave* speċjali mingħajr ħlas sat-8 ta' Mejju, 2011. Jirriżulta li s-salarju tal-attriċi għal perijodu ta' 127 ġurnata li fihom kellha tibqa' barra mill-impjieg konsegwenza ta' dan l-inċident, li kieku ħadmet għoxrin (20) siegħa fil-ġimgħa kif kellha l-ħsieb li tagħmel, kellu jkun ta' **€2,206.77** (netti).

In vista ta' dan il-Qorti qiegħda tikkomputa t-telf attwali u futur soffert mill-attriċi fis-somma totali ta' **€7,033.62**.

## Decide

**Għaldaqstant għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża kif ġej:**

1. **Tilqa' t-talbiet tal-attriċi, u tiddikjara li l-inċident mertu tal-kawża seħħ tort u ħtija tal-konvenuta;**

2. **Tillikwida d-danni sofferti mill-attriċi fis-somma ta' sebat elef, u tlieta u tletin Euro u tnejn u sittin ċenteżmu (€7,033.62);**

3. **Konsegwentement tikkundanna lill-konvenuta tħallas lill-attriċi is-somma hekk likwidata in linea ta' danni.**

**Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali mid-data tas-sentenza sad-data tal-ħlas effettiv, kontra l-konvenuta.**

Moqrija.